# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO (President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JAQUELINE PADOVANI GRIMA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Lulju, 2019.**

**Numru 1**

**Rikors numru 1/05/2 RGM**

**Sylvana Tanti personalment u bħala kuratriċi *ad litem* ta' uliedha minuri Jonathan Tanti, Dona Tanti u Kathleen Tanti**

***v.***

**Noel Tanti**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-attriċi minn sentenza in parte mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fit-28 ta' Frar 2017, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet l-ewwel talba in parte billi ddikjarat illi għat-tkissir taż-żwieġ putattiv tal-partijiet kienu jaħtu ż-żewġ partijiet, l-attriċi minħabba relazzjoni intima li kellha ma' ħaddieħor meta l-partijiet

kienu għadhom jgħixu flimkien; filwaqt li l-konvenut huwa responsabbli għal sevizzi, eċċessi, minaċċi, theddid u inġurji gravi fil-konfront ta' martu u stabbiliet l-15 ta' Mejju 2004 bħala d-data li fiha l-attriċi irrendiet ruħha responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ putattiv filwaqt li tistabbilixxi l-15 ta' Awissu 2004 bħala d-data li fiha l-konvenut irrenda ruħhu responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ putattiv tal-partijiet; astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u t-tielet talba attriċi in kwantu ulied il-partijiet illum ma għadhomx minuri u ma rriżultax li xi ħadd minnhom qed jistudja full-time; laqgħet ir-raba talba u ddikjarat xolta l-komunjoni tal-akkwisti putattiva tal-partijiet u ordnat l-likwidazzjoni u l-qsim bil-mod kif deċiż taħt l-intestatura: Diviżjoni tal-Assi tal-Komunjoni tal-Akkwisti Putattiva; ordnat illi l-kirja tal-fond "The Champ", Triq San Ġorġ, San Ġiljan, kif ukoll il-permessi u l-avvjament in konnessjoni mal-ħwienet għandhom jiġu assenjati lill-konvenut; assenjat lil kull parti l-beni mobbli illi jinsabu fil-pussess tiegħu jew tagħha; assenjat il-kont bankarju ma' Bank of Valletta plc bin-numru 40018615502 lill-attriċi; ċaħdet ir-raba talba; laqgħet il-ħames talba; ċaħdet is-sitt talba peress illi d-dar matrimonjali nbiegħet fil-mori tal-kawża; laqgħet is-seba' talba attriċi in parte u ordnat illi għandhom jiġu komminati fil-konfront taż-żewġ partijiet il-penalitajiet u s-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kap. 16, fil-każ tal-attriċi mill-15 ta' Mejju 2004 u fil-każ tal-konvenut mill-15 ta' Awwissu 2004, u ordnat illi l-ispejjeż tal-kawża għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet;

2. Dik il-Qorti waslet għall-imsemmija deċiżjoni wara li kkonsidrat kif ġej:

*"ŻWIEG PUTATTIV WARA ANNULLAMENT – GURISPRUDENZA.*

*"Ghalkemm kull sentenza li tiddikjara zwieg null tfisser li zwieg qatt ma kien hemm, inezistenti ab initio; mhux kull annullament igib l-istess effetti f'dak li jirrigwarda l-aspett patrimonjali li jirrigwarda koppja li z-zwieg taghha gie dikjarat null.*

*"Artikolu 20 tal-Att dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi illi:-*

> *""(1) Jekk żwieġ ikun dikjarat null l-effetti ta' żwieġ validu għandhom jitqiesu li kienu jeżistu, favur il-miżżewġin sakemm is-sentenza ta' nullità tkun saret res judicata meta l-miżżewġin ikunu żżewġu in bona fide.*
>
> *""(2) L-effetti ta' żwieġ validu jitqiesu li dejjem kienu jeżistu għal dak li jirrigwarda t-tfal li jitwieldu jew konċepiti matul żwieġ dikjarat null kif ukoll għal dak li jirrigwarda tfal li jitwieldu qabel dak iż-żwieġ u li jkunu rikonoxxuti qabel ma tingħata s-sentenza ta' nullità.*
>
> *""(3) Jekk waħda biss mill-partijiet kienet in bona fide dawk l-effetti japplikaw favur tagħha u favur l-ulied.*
>
> *""(4) Jekk ebda waħda mill-partijiet ma kienet in bona fide l-effetti ta' żwieġ validu għandhom japplikaw biss favur l-ulied li jitwieldu jew konċepiti matul iż-żwieġ dikjarat null.*
>
> *""(5) Minkejja kull disposizzjoni oħra, min mir-raġel jew il-mara jkun responsabbli għan-nullità taż-żwieġ, ikun obbligat iħallas manteniment lill-parti l-oħra li tkun in bona fide għal perijodu ta' ħames snin, liema obbligu jispiċċa jekk il-parti in bona fide tiżżewweġ matul dak iż-żmien.""*

*"Artikolu 23 tal-istess att jipprovdi illi "Deċiżjoni li tkun saret eżekuttiva, mogħtija minn tribunal, u li tiddikjara n-nullità ta' żwieġ kattoliku għandha, meta parti waħda tkun domiċiljata Malta jew tkun ċittadin ta' Malta, u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 24, tiġi rikonoxxuta u mar-reġistrazzjoni tagħha skont l-imsemmi artikolu 24 ikollha effett daqslikieku kienet deċiżjoni minn qorti u li tkun saret res judicata"*

*"Il-Buona Fede u l-Annullament taz-Zwieg.*

*"Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet "Stellini vs Tabone" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-31 ta' Jannar 2008 (Citaz nru 2613/1998NC) fejn il-Qorti ghamlet interpretazzjoni dettaljata talartiklu appena citat:-*

> *""Illi in tema legali jigi osservat li l-kuncett ta' zwieg putattiv gie introdott fis-sistema guridiku nostrali bl-Att numru XXXIV tas-sena 1981 li*

*ssostitwixxa lArtikolu 20 li kien vigenti dak iz-zmien; u dana bhala eccezzjoni ghall-principju li "quod nullum est, nullum producit effectum" u huwa primarjament intiz biex jikkawtela d-drittijiet tat-tfal li jkunu twieldu fiz-zwieg li sussegwentement jigi dikjarat null; izda mhux biss, ghax permezz ta' dan l-artikolu l-legislatur ried ukoll jikkawtela l-effetti civili tal-konjugi li jkunu, jew tal-konugi li jkun, in buona fede. L-iskop tal-legislatur f'dan ir-rigward jirrizulta car minn qari taddisposizzjoni tal-ligi, u jsib konfort qawwi fid-diskussjonijiet li saru meta din l-ligi kienet qed tigi diskussa fil-Parlament (Vide Parlamentary debates-Seduta numru 531 mizmuma 29 ta' Lulju 1981).*

*""- omissis - .*

*""Mill-premess jirrizulta car li l-Artikolu 20 ma jirrigwardax biss l-istatus tal-konjugi u ta' uliedhom wara l-annullament taz-zwieg, izda jirrigwarda ukoll l-effetti civili patrimonjali tal-konjugi. Dan jirrizulta car ukoll mill-kontenut tas-sub inciz (5) li jimponi fuq il-konjugi li jkun responsabbli ghall-annullament taz-zwieg, l-obbligu li jmantni ghal perijodu kwinkwennali, lill-konjugi l-iehor li jkun in buona fede. Inoltre, "Quod lex voluit lex dixit"; u l-ligi tghid biss"effetti civili" minghajr distinzjoni u ghalhekk tapplika il-massima legali li "quod lex non distinguere nec non distinguere debemus"*

*""Illi minn qari tad-disposizzjoni in disamina, jirrizulta manifest li l-kriterju, jew ahjar l-ingredjent principali sabiex jissussisti zwieg putattiv, bejn il-konjugi, huwa l-esistenza tal-buona fede da parti taz-zewg konjugi jew da parti ta' wiehed biss. Fl-ewwel kaz l-effetti patrimonjali taz-zwieg civili "jitqiesu li kienu jezistu favur il-mizewgin sakemm is-sentenza ta' nullita' tkun saret 'res judicata'...", fil-waqt li fit-tieni kaz, dawn l-effetti jissussistu biss favur il-konjugi in buona fede.""*

*"Illi rigward l-fattur tal-buona fede tal-konjugi, l-awtur Taljan, Francesco Gazzjoni fit-trattat tieghu "Manuale di Diritto Privato" [Edizione X - 2003] fil-kummenti tieghu dwar "Il matrimonio putattivo" u l-ingredjenti tieghu, jghid : "Per quanto riguarda la buona fede, in questo caso essa equivale a ignoranza delle causa di invalidita'. L' errore puo' essere di fatto …di diritto … e puo' anche essere teoricamente inescusabile. Secondo le regole generali la buona fede si presume e deve essere presente al momento della celebrazione del matrimonio [mala fides superveniens non nocet]. Il dubbio circa l' invalidita' e' sufficiente ad escludere la buona fede."*

*"Illi fil-kaz in disamina l-mala fede da parti ta' l-attrici tirrizulta cara u manifesta mill-kontenut tas-sentenza ta' l-annullament, u senjatament mill-parti disposittiva. F'dan il-kaz, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ddecidiet f'termini cari li z-zwieg kien null unikament minhabba l-fatt li l-attrici ssimulat il-kunsens bl-eskluzjoni posittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg, cioe' l-att taz-zwieg u konsegwentement addebitat l-ispejjez kollha fuq l-istess attrici.*

*"Fil-kawza appena citata l-Qorti osservat illi ghalkemm fis-sentenza tal-annullament ma hemmx dikjarazzjoni cara li l-attrici kienet in mala fede, dak li gie deciz fis-sentenza ta' l-annullament jwassal b'mod esplicitu*

*ghal mala fede tal-attrici. F'dik il-kawza l-annullament kien gie pronunzjat fuq il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu (f) tal-artikolu 19.1 F'dan ir-rigward il-Qorti kellha dan xi tghid:-*

> *""….il-mala fede ta' l-attrici tohrog car, anke jekk mhux espressament dikjarat minn dik il-Qorti, mill-fatt li dina ngannat lill-konvenut meta esternament ghaddiet minn cerimonja ta zwieg, izda internament eskludiet li jsir l-att taz-zwieg. Dik il-Qorti qalet obiter li "jidher li meta hija tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg [hija] kellha l-intenzjoni illi ccahhad lill-konvenut mill-att matrimonjali………..Illi in vista tal-premessi konsiderazzjonijiet, guridici u fattwali, il-Qorti hi tal-fehema li f' dan il-kaz l-attrici ma tistax tinvoka favur taghha l-ezistenza tal-komunjoni ta' l-akkwisti; izda dan, pero' ma ghandux ikun ta' ostakolu sabiex l-attrici tottjeni sehemha mill-gid akkwistat bil-hidma taz-zewg partijiet tul il-kors taz-zwieg.""*

*"Kaz iehor fejn fil-mori ta' kawza ta ' separazzjoni personali iz-zwieg tal-partijiet gie dikjarat null, u ghalhekk kien fadal li tinghata decizzjoni fuq l-aspett patrimonjali kienu z-zewg kawzi tal-istess koppja decizi mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2011 fl-ismijiet " Ernest Cilia vs Ale mart Ernest Cilia, " Ale mart Ernest Cilia vs Ernest Cilia". F'dak il-kaz kien irrizulta illi ftit xhur qabel iz-zwieg, il-partijiet kienu xtraw bicca art fil-Wardija li fuqha bnew id-dar konjugali, gie ritenut li d-dar hi propjeta' tat-tnejn fi kwoti ndaqs bejniethom, u l-Qorti ordnat li l-propjeta' tinbiegh u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti dwar id-dar matrimonjali. Saret ukoll divizzjoni tal-effetti mobbili, rigali tat-tieg, self, u djun kanonizzati b'sentenzi.*

*"Fil-kawza fl-ismijiet "Carmen Spiteri vs Renald Spiteri" deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-21 ta' Novembru 2014, Citazzjoni Numru 1393/2003 l-attrici pprocediet b'kawza ta' separazzjoni personali kontra l-konvenut. Fil-pendenza tal-kawza b'sentenza tal-istess Qorti z-zwieg gie dikkjarat null ghal raguni imputabbli lir-ragel. Fis-sentenza tal-anullament gie stabbilit li z-zwieg kien null minhabba qerq adoperat mill-konvenut filwaqt li l-attrici kienet in 'buona fede'. Il-Qorti kellha dan xi tghid dwar l-Artikolu 20 tal-kap 255:*

> *"" ….., u ghalhekk bis-sahha ta' dak li jghid l-Artikolu 20(1) u (3), ghalkemm iz-zwieg taghhom gie dikjarat null, xorta wahda "l-effetti ta' zwieg validu ghandhom jitqiesu li kienu jezistu" fil-konfront tal-attrici. Ghaldaqstant il-komunjoni talakkwisti li kienet tezisti matul iz-zwieg, ghalkemm giet terminata bl-annullament taz-zwieg, xorta wahda legalment ghandha tqis li kienet tezisti tul il-perijodu sad-data tal-annullament, u li ghada tezisti dwar dawk l-assi li l-partijiet akkwistaw matul iz-zwieg taghhom.""*

*"Kien hemm appell minn dik is-sentenza. Il-Qorti tal-Appell b'sentenza fl-ismijiet "Carmen Spiteri vs Renald sive Renato Spiteri" moghtija fil-11 ta' Marzu 2016 iddikjarat illi:-*

*""….l-effetti ta' dan iz-zwieg ghandhom jitqiesu validi biss fir-rigward tal-appellanti izda mhux tal-appellat peress li kienet biss l-appellanti li kienet in bona fede;………..ghal din il-Qorti ladarba z-zwieg kien null ab initio, l-effetti favur l-appellanti u kontra l-appellat ghandhom jitqiesu li bdew fid-data taz-zwieg.""*

*"Issier ukoll referenza ghal sentenza fl-ismijiet Edward De Gaetano vs Johanna De Gaetano (citaz nru 1578/2001) moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Marzu 2016 fejn iddikjarat li skont l-interpretazzjoni taghha tal-Artikolu 20 tal-Kap. 255 il-konvenut appellat ghandu jitlef il-beneficcji kollha ta' dak li sar bil-hila tal-attrici appellanti.*

*""…………. li l-effetti ta' dan iz-zwieg ghandhom jitqiesu validi biss fir-rigward tal-appellanti izda mhux tal-appellat peress li kienet biss l-appellanti li kienet in buona fede"."*

*"Peress li z-zwieg gie annullat minhabba l-mala fede tar-ragel huwa tilef id-dritt li jgawdi mid-dhul tal-mara li kienet in buona fede.*

*"F'sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru 2016 flismijiet "Perit Herbert De Bono vs Astrid Francione" insibu s-segwenti konsiderazzjonijiet:-*

*""Hu importanti ghalhekk li jigi determinat jekk fil-kawza tal-annullament taz-zwieg kienx jezisti qerq ta' parti fil-konfront tal-parti l-ohra, jew jekk it-tnejn kienux in buona fede jew jekk it-tnejn kienux in mala fede. Dan ghaliex skont l-Artikolu 20 tal-Kap 255, jekk iz-zewg partijiet ikunu in buona fede, il-komunjoni tal-akkwisti titqies illi kienet tezisti favur iz-zewg mizzewwgin sad-data li fiha s-sentenza ta' nullita` tkun saret res judicata; jekk ebda waħda mill-partijiet ma kienet in buona fede, l-effetti ta' żwieġ validu għandhom japplikaw biss favur lulied li jitwieldu jew li gew konċepiti matul iz-zwieg u dawk li jitwieldu qabel dak iż-żwieġ u li jkunu rikonoxxuti qabel ma tingħata s-sentenza ta' nullità, filwaqt illi jekk parti wahda biss kienet in buona fede, allura l-effetti taz-zwieg validu jissussistu biss favur dak il-konjugi.*

*""Fil-kaz in ezami dak li legalment jorbot lill-partijiet huwa dak li kien gie deciz fis-sentenza tal-annullament moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u li ghaddiet sentenza tal-annullament moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u li ghaddiet f'gudikat; zgur li mhux permess li jerghu jingiebu provi sabiex jigi deciz dak li llum huwa gudikat""*

*"Fis-sentenza appena citata jinghad illi skond is-sentenza tal-annullament taz-zwieg, iz-zwieg kien irrizulta null ghal ragunijiet imputabbli lill-mara fosthom issimulazzjoni kontemplata fil-paragrafu [f] tal-artikolu 19 tal-Att 255. Il-Qorti kompliet tghid illi ghalhekk mhux il-kaz li wara dak il-gudikat jerga jigi ezaminat mill-gdid min mill-partijiet kien jahti ghall-annullament taz-zwieg. –*

*""Jigi ribadit li dak li jghodd fil-ligi huwa dak li diga` gie deciz fil-kawza tal-annullament li saret gudikat. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti hi tal-fehma li, ladarba gie defenittivament deciz li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-konvenuta b'att pozittiv*

*tal-volonta` taghha ssimulat dak il-kunsens, allura ……….. fil-konfront tal-attrici l-komunjoni tal-akkwisti kienet inezistenti ab initio….””*

*"Il-Qorti kompliet tispjega illi f'dak il-kaz, peress li s-sentenza tal-annullament taz-zwieg deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) stabbilit illi:*

*""f'dan il-kas din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha prodotti, tirravvisa il- "caput nullitatis" kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu (d) tal-Artikolu precitat, fil-konfront taz-zewg partijiet.(sottolinear tal-Qorti). Dan il-paragrafu jikkontempla bhala wahda mir-ragunijiet ghall-annullament taz-zwieg, il-kaz fejn "il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha..""*

*"Stabbilit illi l-ebda wahda mill-partijiet ma kienet in bona fede japplika ghall-kaz odjerna s-sub inciz 4 tal-Artikolu 20 tal-Kap. 255 li jipprovdi illi : " Jekk ebda waħda mill-partijiet ma kienet in bona fide l-effetti ta' żwieġ validu għandhom japplikaw biss favur l-ulied li jitwieldu jew konċepiti matul iż-żwieġ dikjarat null."*

*"Isegwi ghalhekk illi l-ezercizzju ta' komputazzjoni li l-Qorti hi msejha li taghmel ser ikun ibbazat fuq il-binarju illi hadd mill-partijiet ma hu ser jibbenefika mill-effetti ta' zwieg validu. Dan jinnecessita ezercizzju fejn l-aspett patrimonjali ser jigi konsiderat daqs li kieku l-partijiet ma kienu qatt mizzewgin fejn kull parti ghandha dritt li tirkupra kull kontribuzzjoni li tkun ghamlet, fejn id-dhul ta' kull parti ma jigi fl-ebda mument konsidrat bhala dhul komuni taz-zewg partijiet izda biss dhul ta' dik il-parti li tkun iggeneratu."*

*"Ikkunsidrat*

*"Applikati l-konsiderazzjonijiet u l-gurisprudenza appena citata ghall-kawza odjerna l-Qorti ser qabel xejn tezamina s-sentenza tal-annullament taz-zwieg tal-partijiet sabiex tistabbilixxi jekk kienx hemm mala fede li wassal ghall-annullament taz-zwieg u f'kaz affermattiv jekk tali mala fede kenitx biss fuq naqa jew ohra; jew fuq it-tnejn jew fuq hadd minnhom.*

*"Is-sentenza tal-annullament pronunzjata mit-Tribunal Ekklezzjastiku fid-29 ta' Novembru 2013 tinsab ezebita a fol. 1971 tal-process. Gie stabbilit mit-Tribunal Ekklezzjastiku is-segwenti:-*

*""134. Going by the description of the Psychological Expert of a narcissistic personality disorder (p. 205), the Acts offer enough elements to prove that Respondent showed this disorder from the beginning of the marriage. He was arrogant with his wife and he also ill treated her. He lacked empathy and was conceited with her. He felt entitled to be obeyed by her and as petitioner stated, wanted someone to dominate. If she objected to his demands, he would react with rage. Petitioner states that she started to fear him. What was important for him was that he was providing his wife with financial stability.*

*““135. The Avoidant personality pattern is also shown early in the marriage. There was passive compliance and obedience in the courtship but once he was married, oppositional, demanding and negativistic behaviour was noticed.*

*““136. The Expert also states that apart from the Narcissistic and Avoidant personality disorders, Respondent also suffers from significalt levels of Anxiety and delusional clinical syndromes. Such persons are frequently paranoid, belligerent, irrational and delusional. They tend to be hostile. Respondent clearly showed signs of these in the last stages of his marital cohabitation (p. 205).*

*““137. The said Expert states that the condition of Respondent: seems to have existed prior to the marriage and at the moment of consent impairing Mr Y's cognitive and volitive faculties (p. 208). Taking this conclusion and confronting it with the evidence presented, one may reach moral certainty, that the Respondent, due to his disorder, lacked discretion ofjudgement regarding the essential obligations of marriage and also that he was not capable of assuming these obligations. The Defender of the Bond agrees that the Respondent was not capable of assuming his marital obligations although he did not agree that Respondent lacked due discretion. But a narcissistic personality disorder, considering the characteristic it entails, renders the subject unable to understand, in a critical manner, his marital obligations. Respondent in fact only gave importance to providing financial stability for his family whilst he showed no real interest in his wife and he lacked empathy towards her.*

*““The Judges, therefore, after having carefully examined all the Acts of the case and the Animadversiones of the Deputy Defender of the Bond, considering that the conditions laid down in canon 1095 para. 3 have not been fulfilled, return an AFFIRMATTVE decision that this marriage is to be declared null on the grounds of* ***inabiliy to assume the responsibilities of marriage on the part of Respondent****. A Vetitum is to be imposed on Respondent.””*

*“Minn qari tas-sentenza tat-Tribunal Ekklezjastiku jirrizulta illi z-zwieg tal-partijiet gie annullat minhabba li gie stabbilit li fiz-zmien li l-partijiet resqu ghac-cerimonja taz-zwieg il-konvenut kien afflitt minn “narcissistic and avoidant personality disorders”. Gie stabbilit ukoll illi l-konvenut huwa afflitt minn livell gholi ta’ ansjeta’ u “delusional clinical syndromes” It-Tribunal Ekklezjastiku abbraccja l-konkluzzjoni milhuqa mill-espert imqabbad illi tali kondizzjonijiet tal-konvenut kienu gia’ jezistu minn qabel ma l-partijiet izzewgu. Iz-zwieg tal-partijiet gie ghalhekk dikjarat null ghaliex il-konvenut “lacked discretion of judgement regarding the essential obligations of marriage and also that he was not capable of assuming these obligations”.*

*“It-Tribunal Ekklezjastiku tas-Sekonda Istanza fis-sentenza tieghu tal-4 ta’ Frar 2015 ikkonferma s-sentenza tal-Prim’ Istanza u ddikjara illi “There results sufficient evidence in the Acts to prove that at the time he contracted marriage with X, Respondent was suffering from a*

*severe form of personality disorder, namely narcissisti-avoidant personality disorder, severe enough to impair not only Respondent's cognitive and volitive faculties, but also his capacity for an intimate and personal relationship with anyone…."*

*"Il-motivazzjoni ghall-annullament taz-zwieg tal-partijiet moghtija mit-Tribunal Ekklezzjastiku tinkwadra ruhha fid-dispost tal-Artikolu 19 (d) tal-Kap. 255 li jipprovdi illi zwieg huwa null:-*

> *""jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;""*

*"Kif rajna, ir-raguni ghall-annullament taz-zwieg* ***taqa' unikament fuq il-konvenut****. Il-mard psikologiku u mentali li sa minn dak iz-zmien tac-cerimonja tat-tieg kien ibati minnhom il-konvenut ghamluwha impossibbli li jaghti kunsens validu ghallkontrattazzjoni taz-zwieg. Il-kunsens tieghu kien vizzjat minhabba anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghal konvenut li jaqdi lobbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*"Anomalija Psikologika Serja (Art 19 [d]) u l-Mala Fede.*

*"Il-Qorti hi tal-fehma illi mhux kull min jinstab li kellu l-kunsens tieghu vizzjat necessarjament kien in mala fede meta ressaq ghac-cerimonja tat-tieg. Imkien fis-sentenza tal-annullament ma jinghad illi l-konvenut kien in mala fede jew li qarraq bl-attrici dwar ir-ragunijiet li waslu ghall-annullament taz-zwieg. Kienet tkun sitwazzjoni diversa kieku l-konkluzzjonijiet tat-Tribunal Ekklezzjastiku kienu ghal ragunijiet simili ghal dawk kontemplati fl-Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255.*

*"Il-kuncett ta' mala fede u vicin hafna l-kuncett ta' qerq. Dwar il-kawzali ta' qerq kontemplat fl-artikolu 19(1)(c) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti talAppell fis-sentenza Louis Agius vs Georgia Agius deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Ottubru 1988 kellha dan xi tghid:-*

> *""Hu ovvju li hawn qeghdin fil-kamp ta' 'moral substitution' u kif spjegat mill-awturi (Ara Wrenn L. "Annullment" p 82 et seq.) din tissussisti "when the quality is (I) an inherent property of the person and not some isolated past action; (II) present at the time of the wedding; (III) grave either objectively or subjectively; (IV) unknown to the other party; (V) fraudulently concealed for the purpose of obtaining marital consent. Lastly the quality must provoke a crisis on discovery; otherwise the presumption would be that the error was not in fact subsYal.""*

*"Din is-sentenza giet iccitata b'approvazzjoni fil-kawza Stephen Sciberras vs Av. Dr. Francesco Depasquale et. noe deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2002, fejn inghad hekk:-*

> *""Dan l-insenjament segwa dak tat-Tribunal Ekklezjastiku fil-proceduri bejn l-stess koppja. Cionostante anke jekk l-Att taz-Zwieg [Kap. 255] iddivorzja ghal kollox il-process civili dwar l-annullament mill-process kanoniku, eppure l-istess insenjament tad-dritt kanoniku ma jistax jigi skartat ghal kollox;" Fix-xoghol tieghu "Il Dolo nel Matrimonio Canonico" , Nikolaus Schoch jispjega illi id-dottrina dwar il-qerq u l-kunsens fiz-zwieg kanoniku tmur lura ghal kanonistika medjevali. Jiddefinixxi l-elementi tad-"dolo vizio" bhala "la deliberata voluntas, la malafede e l'azione esterna del deceptor come il suo elemento oggettivo." [Antonianum, 73/1 (1998) p.194-197 (Pontificia Universita' Antonianum).]""*

*"Il-mala fede, bhal qerq, ma tistax tigi prezunta izda trid tigi ppruvata. L-attrici ma gabet l-ebda prova li l-konvenut kien in mala fede. Il-fatt li jinstab li xi hadd millpartijiet kien qed isofri minn "anomalija psikologika serja" ma jsegwiex li dik il-parti kienet in mala fede fit-termini tal-Artikolu 20 tal-Kap. 255. Tenut kont illi ma tirrizultax il-mala fede la fuq l-attrici u lanqas fuq il-konvenut, huwa applikabbli l-Artikolu 20 (1) li jipprovdi illi:-*

> *""(1) Jekk żwieġ ikun dikjarat null l-effetti ta' żwieġ validu għandhom jitqiesu li kienu jeżistu, favur il-miżżewġin sakemm is-sentenza ta' nullità tkun saret res judicata meta l-miżżewġin ikunu żżewġu in bona fide.""*

*"Una volta qed jigi deciz illi meta l-partijiet izzewgu hadd minnhom ma kien in mala fede meta resaq ghac-cerimonja tat-tieg, il-Qorti ser tikkonsidra illi bejn ilpartijiet, ghalkemm zwieg validu ma kienx hemm, b'applikazzjoni tal-Artikolu 20 (1) tal-Kap 255 jissussistu l-effetti ta' zwieg validu favur iz-zewg partijiet mil-ljum tac-cerimonja tat-tieg sal-jum li fih is-sentenza tal-annullament saret res judicata. Isegwi ghalhekk illi ghalkemm zwieg ma kienx hemm ab initio, il-likwidazzjoni u divizzjoni tal-assi ser issegwi id-disposizzjonijiet li jirregolaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn konjugi fi zwieg validu b'dan illi tali komunjoni ser jigi kkonsidrat li kienet fis-sehh sal-jum li fih is-sentenza tal-annullament taz-zwieg saret res judicata.*

*"L-Effetti ta' Zwieg Validu – Artikolu 20 (1) Kap. 255.*

*"Gialadarba qed jigi deciz li nonostante l-annullament taz-zwieg hemm l-effetti ta' zwieg validu favur iz-zewg partijiet sal-jum li z-zwieg gie dikjarat null, isegwi illi ghall-finijiet tar-rizoluzzjoni tal-vertenza li tirrigwarda l-aspett patrimonjali, il-Qorti ser tikkonsidra illi bejn il-partijiet kien jissussisti r-regim tal-komunjoni talakkwisti putattiva taht il-kappa ta' "Zwieg Putattiv".*

*"Htija ghat-Tkissir taz-Zwieg Putattiv.*

*"Fir-rapport peritali il-Perit Legali taghmel diversi konsiderazzjonijiet dwar min mill-partijiet kien jahti ghat-tkissir taz-zwieg. Dan naturalment ghall-finijiet ukoll li jigi deciz il-konsegwenzi legali fuq l-aspett patrimonjali tal-vertenza tenut kont illi htija o meno ghat-tkissir ta' zwieg*

*jista' jwassal ghall-komminazzjoni ta' sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kap. 16.*

*"L-attrici allegat illi l-konvenut huwa hati ta' sevizzi, eccessi, minacci, thedded u ingurji gravi. Il-konvenut min-naha tieghu jallega li l-attrici rrendiet ruhha hatja ta' adulterju kontinwat, eccessi, sevizzi u ingurji gravi.*

*"Il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi kollha mressqa quddiem il-Perit Legali, tadotta l-konkluzzjoni tal-Perit Legali dwar it-tifrik taz-zwieg u tiddikjara illi z-zewg partijiet huma hatja ta' ingurji gravi fil-konfront ta' xulxin. Il-Qorti ssib lill-konvenut hati wkoll ta' vjolenza fil-konfront tal-attrici.*

*"Oltre minn dan, hemm l-akkuza tal-konvenut li l-attrici ikkommettiet adulterju. Xhud tal-istess attrici, Dr Konrad Zammit, xhed dwar meta l-konvenut kien agixxa b'mod agitat u ssemma xi attentat ta' suwicidju. Xhed hekk: "Fl-incident meta A kien agitat, hu kien hareg fil-gallarija,u ssemma xi attentat ta' suwicidju. Ic-cirkostanzi kienu illi X kienet stqarret ma' zewgha f'dak iz-zmien illi hija kellha lil xi hadd iehor. Nafu dan ghax qaltli X." L-attrici stess ammettiet f'dawn il-proceduri illi hija kellha relazzjonijiet intimi ma' haddiehor tant li kellha tarbija minn haddiehor.*

*"Gie kostantement ritenut mill-Qrati taghna illi "l-adulterju dejjem kien meqjus bhala l-kawzali l-aktar gravi illi ghaliha l-Qorti tawtorizza s-separazzjoni personali". (Vol XXXVII-parti ii, pagna 693). (ara ukoll "Josephine Anne Edwards vs Avukat Dottor Joseph Xuereb noe" Prim' Awla – 22.02.1961; "Nancy Magro v. Karmenu Magro" - Appell Superjuiri - 27.06.2014; "Rita Schembri et vs Joseph Schembri" – Appell Superjuri - 24.06.2016)*

*"Bis-sahha tal-emenda introdotta bl-Att XXI ta' 1993 ghall-Artikoli 51 u 52 talKapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-adulterju u l-abbandun sodisfacentement ippruvati jwasslu ghas-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 filwaqt li ragunijiet ohra ghat-tkissir taz-zwieg il-ligi thalli l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet diskrezzjonali.*

*"Il-Qorti ghalhekk qed tiddeciedi illi l-attrici ikkommettiet adulterju u tikkommina fil-konfront taghha s-sanzjonijiet u l-penalitajiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta u dan b'effett minn Mejju 2004.*

*"Dwar il-konvenut il-Qorti qed tikkonsidra in-nuqqasijiet tieghu ta' gravita' kbira illi wkoll ikkontribwew bi shih ghat-tkissir. Fil-fehma tal-Qorti tant in-nuqqasijiet tal-konvenut huma serji illi jissuperaw bil-bosta fil-gravita' taghhom meta komparati ma' abbandun li jgib ukoll is-sanzjoni awtomatika similment bhal-adulterju.*

*"In tema intqal illi "L-minaccji jistghu jkunu verbali jew reali u materjali. …….. jekk ikunu tali illi jirrivestu azzjoni, u min jaghmilhom jidher li huwa kapaci, allura indubbjament jiffurmaw motiv ta' separazzjoni." "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi." Gie wkoll dikjarat illi "B'ligi, l-applikazzjoni ta' dawk id-dekadenzi, tal-konjugi mid-drittijiet taghom kontra xulxin bhala effett tal-pronuncja ta' separazzjoni personali bejniethom,"in toto" jew in parti, hi fakoltattiva ghall-Qorti, jekk id-domanda ghas-separazzjoni tkun radikata fuq il-mottiv ta' eccessi, sevizzji, minacci u inguji gravi. U allura jiddependi mid-diskrezzjoni taghha jekk tapplikax jew le dawk id-dekadenzi filkaz partikolari".*

*"Ghaldaqstant qed tikkommina fil-konfront tal-konvenut b'effett mill-24 ta' Awissu 2004, id-data meta skattat is-separazzjoni de facto ta' bejn il-partijiet.*

*"Divizzjoni tal-Assi tal-Komunjoni tal-Akkwisti Putattiva.*

*Fiz-zmien li gie pprezentat ir-rapport tal-Perit Legali fis-7 ta' Novembru 2012 (fol. 1759) l-assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti kienu s-segwenti:-*

*"1. Id-Dar Matrimonjali.*

*Fiz-zmien tar-rapport dan l-immobbli kien ghadu jappartjeni lill-partijiet f'sehem indaqs bejniethom peress illi kienu xtrawh matul iz-zwieg in forza ta' kuntratt ippubblikat fl-14 ta' Gunju 1995. Sussegwenti ghar-rapport tal-Perit Legali l-partijiet bieghu id-dar matrimonjali in forza ta' kuntratt ippublikat fis-7 ta' Dicembru 2012 in atti Nutar Dr Dorianne Arapa.4 Jirrizulta illi mir-rikavat tal-bejgh thallas id-dejn kollu dovut lil Bank of Valletta plc kif ukoll lil Gasan Mamo plc. Ir-rimanenti tar-rikavat inqasam ugwalment bejniethom. Peress li hadd mill-partijiet ma semma xejn dwar il-mobbli li kienu fid-dar matrimonjali qabel inbieghet, il-Qorti qed tikkonsidra illi l-partijiet lahqu wkoll ftehim dwar iddivizzjoni tal-istess u li ghalhekk mhux mehtieg gudizzju fir-rigward. Il-Qorti qed tqis ukoll illi l-ftehim milhuq bejn il-partijiet kien inkorporat fih ftehim bejn il-partijiet rigward il-kontribuzzjonijiet li kull wiehed u wahda minnhom ghamlu separatament fir-rigward tas-self.*

*"2. Vetturi.*

*"Skond l-attrici l-partijiet waslu fi ftehim dwar il-vettura Jaguar, fis-sens illi giet assenjata lill-konvenut u hallas lill-attrici sehemha mill-istess. Fl-istess hin qed titlob il-bejgh bis-subbasta taz-zewg vetturi l-ohra. In mankanza ta' prova konkreta li verament intlahaq ftehim dwar il-vettura Jaguar il-Qorti qed tikkonsidra illi l-vetturi (1) Jaguar X Type nru JBF 331; (2) Toyota Lite Ace Van nru FBG 063 u (3) Ford Escort nru JAE 645 jiffP ormaw parti mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti putativa u konsegwentement qed tordna illi ghandhom jinbieghu taht l-awtorita'*

*tal-Qorti u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet. Kwalunkwe arretrati ta' licenzji jew multi relatati mal-vetturi Ford Escort u Toyota ghandhom jithallsu esklussivament mill-konvenut filwaqt li kwalunkwe arretrati ta' licenzji jew multi relatati mal-vettura Jaguar ghandhom jithallsu esklussivament mill-attrici.*

*"Fir-rigward tal-vettura Tata Safari numru DBF 847 il-Qorti taqbel marrakkomandazzjoni fir-rigward maghmula mill-Perit Legali. Din il-vettura qatt ma kienet fuq isem il-konvenut. Ghalhekk ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi hija proprjeta' ta' oht il-konvenut, Marika Cuschieri. Il-Qorti ma tistax f'dawn il-proceduri tordna l-bejgh ta' vettura li qeghda fuq isem terza persuna u li ma hiex parti f'dawn il-proceduri.*

*"Inoltre mhux il-kaz li l-Qorti tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici nofs il-valur tal-vettura de quo in vista tal-fatt illi jirrizulta li l-vettura inxtrat minn flus generati esklussivament mill-hidma tal-konvenut filwaqt li l-Qorti qed tordna d-dekadenza fil-konfront tal-attrici sa minn Mejju tas-sena 2004.*

*"3. Zewg Zwiemel.*

*"Il-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-Perit Legali firrigward7 . Ghaldaqstant filwaqt li qed tassenja lill-attrici sehem il-konvenut mizziemel 'Connor'; tordna lill-attrici thallas lill-konvenut is-somma ta' tlett mija u disgha u erbghin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41) b'kumpens ghal sehemu. Fir-rigward taz-ziemel 'Sandi Phala' jirrizulta li dan inbiegh mill-konvenut. L-attrici tikkontendi li z-ziemel kien inxtara fis-sena 2003 ghas-somma ta' hamest elef liri Maltin (Lm5,000) u l-konvenut kien bieghu lil certu Raymond Briffa fis-sena 2005 izda ma jirrizultax ghal-liema prezz inbiegh. L-attrici qed tippretendi nofs l-ammont tal-valur tieghu. Il-konvenut baqa' qatt ma kkontesta l-valur ta' dan iz-ziemel kif moghti mill-attrici u ghalhekk il-Qorti qed tordna lillkonvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' hamest elef, tmien mija u tlieta u ghoxrien ewro u hamsa u erbghin centezmu (€5,823.45).*

*"4. Kontijiet Bankarji.*

*Tenut kont illi id-dekadenza reciproka li l-Qorti qed tordna fil-konfront taz-zewg partijiet, tordna illi l-kontijiet intestati f'isem l-attrici ghandhom jigu lilha assenjati filwaqt li l-kontijiet intestati f'isem il-konvenut ghandhom jigu assenjati lill-konvenut.*

*"5. Hwienet u Negozju.*

*"Il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet u konkluzzjonijiet maghmula mill-Perit Legali fir-rigward tal-kirja tal-hanut "The Champ", San Giljan li qed tadotthom u ghalhekk jaghmlu parti minn dan il-gudikat. Konsegwentement qed tiddeciedi u tiddikjara illi sew il-kirja kif ukoll l-avvjament tal-hanut 'The Champ', 65, St George's Road, San Giljan,*

*jappartjenu fl-intier taghhom lill-komunjoni tal-akkwisti putativa tal-partijiet. Tenut kont illi sa minn Mejju 2004 l-attrici ma kellha x'taqsam xejn fit-tmexxija jew hidma f'dan il-hanut, il-Qorti qed tiddikjara illi l-attrici m'ghandhiex dritt tippartecipa mid-dhul li l-konvenut ghamel minn dan il-hanut bil-hidma tieghu esklussiva.*

*"Il-Perit Legali gustament waslet ghall-konkluzzjoni illi nonostante d-dekadenza minn Mejju 2004 da parti tal-attrici, hija xorta ghandha nofs sehem indiviz tal-valur tal-kirja u l-valur tal-avvjament ta' dan il-hanut.*

*"Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu il-konvenut jissottometti li ma saret l-ebda talba biex issir valutazzjoni tal-avvjament u sabiex tigi likwidata minn espert. Dan apparti l-fatt li meta l-attrici telqghet bit-tfal l-bniet, il-konvenut tkisser, in-negozju mar lura li spicca lanqas baqa' puntwali fil-hlas tal-kera u s-sid kienet ser tiehu lura il-fond. Dan iffisser, skont il-konvenut li l-valur tal-avvjament sfuma fix-xejn. Il-Perit Legali mill-banda l-ohra irrakkomandat illi ssir il-valutazzjoni tal-kirja u tal-avvjament tenut kont ir-rizultanzi processwali u d-decizzjoni tal-Qorti fir-rigward.*

*"Jirrizulta mill-atti ili din il-Qorti diversament presjeduta kienet innominat bhala Perit Komputista lis-Sur Paul Bezzina b'digriet tal-24 ta' Ottubru 2006 (fol. 240).*

*"Ghaldaqstant il-Qorti f'dan l-istadju ma hiex ser tippronunzja ruhha dwar dan il-valur kummercjali tal-kirja u tal-avvjament, tenut kont li ghandha bzonn il-parir tal-espert komputista.*

*"L-inkarigu tal-perit komputista f'dan l-istadju ser ikun ferm ristrett minn dak li inghata precedentement minn din il-Qorti diversament presjeduta in kwantu qed jigi hawn deciz li l-attrici m'ghandhiex dritt tippartecipa fid-dhul li l-konvenut kellu minn dan il-hanut minn Mejju 2004 'il quddiem.*

*"Negozji Ohra.*

*"Fir-rigward ta' negozji ohra li fetah il-konvenut matul iz-zwieg mal-attrici, jirrizulta illi dawn infethu u bdew jigu gestiti wara s-separazzjoni de facto tal-partijiet u wara d-data ta' Mejju 2004, id-data li din il-Qorti qed tiddeciedi li ghandha tittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet tad-dekadenza li permezz tal-prezenti qed tigi komminata kontra l-attrici. Saret referenza mill-attrici ghall-kawza "X Y vs A Y et" (citaz nru 633/2008JZM) fejn l-attrici qed tattakka t-trasferiment tal-kirja tal-hanut 'The Champs'. Il-kawza giet deciza fid-29 ta' Novembru 2016 izda minnha gie interpost appell.*

*"L-attrici irrilevat fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha illi l-konvenut ghamel minn kollox sabiex icahhadha minn sehemha ta' dan in-negozju, li kif rajna jappartjeni l-komunjoni putattiva tal-partijiet. B'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal10 ta' Marzu 2010 fl-ismijiet*

> *'Il-Pulizija vs A Y u Antoine Y' (Appell Kriminali 94/2009) l-imputati (il-konvenut u huh) gew misjuba hatja ta' dikjarazzjoni falza taht l-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi l-konvenut kien iddikjara li kien separat meta ttrasferixxa il-permess tal-hanut 'The Champs Pastizzerija' f'San Giljan fuq huh Antoine Y.*
>
> *"Ulied il-Partijiet.*
>
> *"Dwar kura u kustodja, access u manteniment tat-tfal tal-partijiet ma ghadx hemm lok ghall-provvediment fuq din it-talba. It-tfal illum huma t-tlieta maggorenni."*

3. B'rikors tal-Appell imressaq minnha fit-12 ta' Mejju 2017, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attriċi appellanti talbet li din il-Qorti tħassar u tirrevoka l-imsemmija sentenza in linja mal-aggravji sollevati minnha u tikkonferma s-sentenza fil-bqija, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat;

4. Minn naħa tiegħu, b'nota mressqa minnu fit-22 ta' Jannar, 2018 u għar-raġunijiet hemm imsemmija, issolleva n-nullita tal-appell odjern;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell mill-avukati tal-partijiet;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża;

7. Rat il-verbal tagħha tat-23 ta' Mejju, 2019, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza kemm fuq l-eċċezzjoni tan-nullita u kemm jekk ikun il-każ fuq il-meritu;

Ikkonsidrat;

8. Illi din hija azzjoni ta' separazzjoni personali. Il-partijiet iżżewġu fid-29 ta' Lulju 1990, u minn dan iż-żwieġ kellhom tlett itfal, li fil-mori ta' dawn il-proċeduri saru kollha maġġorenni u ma jirriżultax illi xi ħadd minnhom qiegħed isegwi xi kors ta' studju fuq bażi *full-time*. Fil-15 ta' Awissu 2004 l-attriċi appellant telqet mid-dar matrimonjali flimkien mat-tnejn mit-tfal, li dak iż-żmien kienu għadhom minuri, u fis-16 ta' Diċembru 2004 bdiet proċeduri ta' separazzjoni kontenzjuzi kontra l-intimat appellat, fejn allegat illi t-tort tat-tifrik taż-żwieg kien tal-konvenut appellat stante sevizzi, eċċessi, minaċċi, theddid u inġurji gravi allegatament kommessi minnu kontra tagħha illi rrendew impossibbli l-ħajja konjugali ta' bejniethom. Minn naħa tiegħu l-konvenut laqa` għall-pretensjonijiet tal-attriċi billi fir-risposta tiegħu imputa t-tort tat-tifrik ta' żwieġ fuq l-attriċi, stante adulterju allegatament kommess minnha, u abbandun tad-dar matrimonjali.

IL-KAWŻALI TA' NULLITA TAL-APPELL

9. Fin-nota tiegħu, l-appellat qajjem żewġ kawżali ta' nullita ta' appell.

10. L-appellat argumenta illi l-appell odjern huwa null peress illi peress illi l-Artikolu 235 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma jagħtix appell *ab omissa decisione*, allura dan l-appell huwa null.

11. Jirriżulta fil-fatt illi l-appellanti stess kienet preżentat rikors quddiem l-ewwel Qorti sabiex tikkonsidra *omissa decisio*, liema rikors kien ġie miċħud minn dik il-Qorti għaliex kien ilment imressaq bħala aggravju fir-rikors tal-appell.

12. L-appellat jargumenta illi ġaladarba l-appellanta stess qed tikkontendi illi meta l-ewwel Qorti ġiet biex tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti, hija ħalliet barra wieħed minn negozji li hija tgħid jappartjeni lil komunjoni, allura dik il-parti tas-sentenza hija milquta bid-difett tal-*omissa decisio,* u għaldaqstant, peress illi l-liġi ma tagħtix appell *ab omissa decisione*, dan l-appell huwa null.

13. Illi din il-Qorti rat illi l-appellanta diġa` ressqet rikors ai termini tal-ewwel proviso tal-Artikolu 235 quddiem l-ewwel Qorti, liema rikors ġie miċħud minn dik il-Qorti. Il-Qorti tagħraf illi digrieti mogħtija ai termini tat-tieni proviso tal-Artikolu 235 huma ntiżi sabiex il-qorti ta' prim'istanza tikkjarifika xi punti fir-rigward tas-sentenza mogħtija minnha, u għalhekk jistgħu jiġu kkonsidrati bħala estensjoni tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

14. Illi għalhekk din il-Qorti tqis illi ġaladarba l-appellanta ressqet rikors quddiem l-ewwel Qorti ai termini tal-ewwel proviso tal-Artikolu 235 u dan ir-rikors ġie miċħud għal raġuni li m'hijiex relatata ma' preżentata tar-rikors

fuori termine, din l-eċċezzjoni tal-appellat ma tistax tiġi milqugħa.

15. L-appellat eċċepixxa wkoll in-nullita ta' dan l-appell għaliex id-digriet li bih l-appellata ngħatat awtorizzazzjoni sabiex tinterponieh ma ngħatax bil-miftuħ, iżda minflok ingħata in camera.

16. Mill-atti tal-kawża jirriżulta mingħajr dubbju illi fattwalment, dak li qed jgħid l-appellat għandu mis-sewwa. Id-digriet permezz ta' liema l-ewwel Qorti awtorizzat lill-appellanta sabiex tinterponi dan l-appell ingħata fis-26 ta' April 2017, u dan l-appell ġie preżentat fit-12 ta' Mejju 2017, iżda l-ewwel seduta quddiem il-Qorti li nżammet wara li nqrat is-sentenza in parte kienet fit-23 ta' Mejju 2017. Illi pero`, dan ma jfissirx illi dan l-appell huwa null.

17. Is-sub-inċiż numru 10 tal-Artikolu 229 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jirregola x'għandhom ikunu l-konsegwenzi meta digriet għall-awtorizzazzjoni sabiex jiġi interpost appell minn sentenza parzjali jingħata in camera minflok jingħata fil-Qorti bil-miftuħ. Skont dan l-artikolu, il-konsegwenza m'hijiex in-nullita tad-digriet jew tal-appell, iżda biss illi t-terminu għall-preżentata tar-rikors tal-appell hekk awtorizzat għandu jibda jiddekorri minn dakinhar "…*tal-ewwel seduta ta' dik il-kawża li tiġi minnufih wara li jkun ingħata d-digriet mill-qorti in camera*…". Dan għaliex, skont dan l-artikolu stess dakinhar ta' dik is-seduta msemmija, id-digriet jitqies

illi jkun inqara bil-miftuħ.[1]

18. Iż-żewġ eċċezzjonijiet ta' nullita ta' appell huma għalhekk miċħuda.

L-EWWEL AGGRAVJU

19. Illi l-ewwel aggravju tal-appellanta huwa msejjes fuq il-fatt illi l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi meta ddeċidiet illi hija ħatja tal-ksur taż-żwieġ putattiv ta' bejn il-partijiet minħabba adulterju, peress illi m'hemmx prova ċara, inekwivoka u konklussiva in atti li tikkonferma dan.

20. Il-Qorti rat illi l-ewwel Qorti sabet li l-attriċi appellanti hija ħatja għat-tifrik taż-żwieġ putattiv minħabba adulterju, filwaqt illi l-konvenut appellat huwa wkoll ħati għat-tifrik taż-żwieġ putattiv minħabba sevizzi, eċċessi, minaċċi, theddid u inġurji gravi kommessi fil-konfront ta' martu. Fil-konfront tal-appellanti stabbiliet il-**15 ta' Mejju 2004** bħala d-data li fiha l-appellanta irrendiet ruħha responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ putattiv, filwaqt li stabbiliet il-**15 ta 'Awissu 2004** bħala d-data li fiha l-appellat irrenda ruħu responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ putattiv.

21. Fir-rigward tal-ħtija tal-appellanti għal-adulterju, l-ewwel Qorti

[1]Vide f'dan ir-rigward: **Avukat Tonio Azzopardi v. Avukat Ġenerali et,** Qorti Kostituzzjonali (Rikors Kostituzzjonali 67/18 JA, GCD, NC), deċiża 31 ta' Mejju 2019.

ibbażat il-konklużjoni tagħha fuq ix-xhieda mogħtija minn Dr. Konrad Zammit, li kien xehed li meta kien mar id-dar matrimonjali tal-partijiet, l-appellanti kienet stqarret miegħu li dakinhar hija kienet ammettiet ma' żewġha li kellha lil xi ħaddieħor, u li kien għalhekk li żewġha kien sar aġitat. Illi pero`, din il-Qorti rat illi eżatt wara li qal dan, l-istess xhud qal, fir-rigward tal-istess episodju, li l-appellanti kienet qaltlu li żewġha kien sar aġitat wara li kienet proponietlu illi jaraw filmati pornografiċi flimkien sabiex jerġgħu jirravvivaw ir-relazzjoni intimata tagħhom.[2] Ikkonsidrat illi dan ix-xhud ta żewġ verżjonijiet kompletament differenti ta' dak li qaltlu l-appellanti li skont hi wassal sabiex il-konvenut jaġita ruħu, u din il-Qorti tqis illi x-xhieda tiegħu ma tistax titqies bħala suffiċjenti sabiex tipprova illi l-appellanti kellha relazzjoni adultera dak iż-żmien. Dan ikkonsidrat illi skont il-ġurisprudenza, minn jallega l-adulterju jrid jipprovah permezz ta' indizi u preżunzjonijiet preċiżi, gravi, konkordanti u univoċi sabiex b'hekk ma jħallu l-ebda dubbju f'min għandu jiġġudika. Il-Qorti tagħraf illi dan huwa tenut kont tar-riperkussjonijiet gravi li jġib miegħu s-sejbien illi xi ħadd mill-konjugi ta lok għat-tifrik ta' żwieġ minħabba adulterju.

22. Din il-Qorti fil-fatt tinnota illi għalkemm l-appellat kien jaf lil persuna li ġie allegat li l-appellanti kellha relazzjoni miegħu waqt li l-partijiet kienu

[2]Xhieda ta' Dr. Konrad Zammit Fol 1003 – 1004. Dan ix-xhud qal hekk: "*Fl-incident meta Noel kien agitat, hu kien hareg fil-gallarija, u ssemma xi attentat ta' suwicidju. Ic-cirkostanzi kienu illi Sylvana kienet stqarret ma' zewgha f'dak iz-zmien illi hija kellha lil xi hadd iehor. Nafu dan ghax qaltli Sylvana.*" Imbagħad, fuq l-istess inċident, u waqt l-istess seduta qal hekk: "*Naf illi Noel ma kienx jersaq lejn martu jew ifittixha u Slyvana semmiet suggeriment illi jaraw xi blue films sabiex zewgha jitharrek…Naf illi s-suggeriment tal-blue films Noel hadu bi kbira hafna, u kien f'dan il-kuntest illi hareg fil-gallarija.*"

għadhom jgħixu flimkien, u cioe Theo Said, fl-ebda waqt ma produċieh sabiex jixhed quddiem il-Qorti. Huwa pproduċa minflok lil martu, li kkonfermat illi hija qatt ma rat lil żewġha u lil appellanta flimkien, iżda qalet li kienet taf li żewġha kien kellu relazzjoni mal-appellanti għaliex kien qalilha b'dan hu. Illi pero`, peress illi Said innifsu baqa' qatt ma ġie prodott, ix-xhieda ta' martu tibqa' biss *detto del detto.* Ikkonsidrat il-grad ta' prova neċessarju sabiex tirriżulta provata allegazzjoni ta' adulterju, din il-Qorti ma tqis illi dan il-*detto del detto* huwa suffiċjenti sabiex tkun moralment konvinta illi l-appellanta hija ħatja għat-tifrik taż-żwieg puttativ minħabba relazzjoni extra-konjugali.

23. Fir-rigward tar-referenza li saret mill-ewwel Qorti għall-ammissjoni magħmula mill-appellanti fil-mori tal-kawża illi hija kellha relazzjoni extra-maritali, din il-Qorti rat illi dak li verament ammettiet għalih l-appellanti kien li kellha relazzjoni extra-maritali wara li bdew il-proċeduri ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet, u mhux waqt illi l-partijiet kienu għadhom jgħixu flimkien.

24. Fil-fehma tal-Qorti dan ifisser illi għalkemm huwa minnu li hemm provi suffiċjenti illi l-appellanta kellha relazzjoni adultera wara li bdew dawn il-proċeduri ta' separazzjoni, bl-ammissjoni tal-appellanta stess, m'hemmx provi suffiċjenti illi din ir-relazzjoni adultera kienet anteċedenti għaż-żmien meta l-ewwel Qorti stess sabet illi l-appellat kien diġa` ħati li farrak iż-żwieġ minħabba sevizzi, inġurji, minaċċi u offiżi gravi kommessi

minnu tul il-maġġior parti tal-konvivenza tal-partijiet, li rrendew il-ħajja konjugali impossibbli u li ġġustifikaw l-abbandun tad-dar matrimonjali mill-appellanti.

25. Illi din il-Qorti tosserva illi l-appellanta kienet ilha issofri maltrattament minn żewġha l-appellat għal tul iż-żwieġ tagħhom kollu, u ċioe għal kważi ħmistax-il sena. Dan jidher ċar mid-deċiżjoni tat-Tribunal Ekkleżjastiku illi, wara r-reġistrazzjoni tagħha awtorizzata mill-Qorti tal-Appell, għandha s-saħħa ta' deċiżjoni *res judicata* mogħtija mill-Qrati ċivili. Kif intqal f'dik id-deċiżjoni "*from the beginning of the marriage…*[h]*e was arrogant with his wife and he also ill treated her. He lacked empathy and was conceited with her. He felt entitled to be obeyed by her and as petitioner stated, wanted someone to dominate. If she objected to his demands, he would react with rage. Petitioner states that she started to fear him.* [enfazzizar u sottolinear ta' din il-Qorti]"

26. Għalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ewwel Qorti ma setgħatx legalment u raġonevolment issib illi l-appellanti kienet taħti għat-tifrik taż-żwieġ tal-partijiet.

27. F'dan ir-rigward huwa utli li ssir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Jacqueline Balzan pro et noe v. Joseph Balzan** deċiża fl-1 ta' Frar 2016, fejn intqal illi: "*L-appellant esebixxa xi ritratti mar-rikors*

*tal-appell li skont hu jindikaw li l-appellata issa għandha relazzjoni ma' ragel ieħor. Anke jekk dan huwa minnu, il-fatt jibqa' li kien hu li ikkawża t-tifrik taż-żwieg bil-komportament tiegħu kif fuq imsemmi. F'dan l-aspett, ikun farrak iż-żwieg min ikun responsabbli l-ewwel għal wieħed mill-addebiti li l-ligi tqis bħala ragunijiet biex waħda mill-partijiet setgħet titlob is-separazzjoni (Ara -* ***Tonna v. Tonna****, Qorti tal-Familja, deċiża fit-23 ta' Ottubru 2015)."*[3]

28. Illi kkonsidrat dan kollu, il-Qorti tqis illi dan l-aggravju huwa fondat u għandu jiġi milqugħ.

IT-TIENI AGGRAVJU

29. It-tieni aggravju tal-appellanta jittratta l-fatt illi l-ewwel Qorti naqset milli tiddeċiedi dwar wieħed mill-ħwienet tal-komunjoni tal-akkwisti, u ċioe l-ħanut "The Champs" ġewwa San Ġwann.

30. Illi dan l-aggravju jirriżulta fondat. Kemm fil-motivazzjoni u kemm fid-deċide, l-ewwel Qorti għamlet referenza għal fond "The Champ", Triq San Ġorġ, San Ġiljan, iżda m'għamlet l-ebda referenza għal fond bl-istess isem li jinsab f'San Ġwann.

---

[3]Appell Civili 22/09 GCD, TM, JA.

31. Mill-provi jirriżulta illi għalkemm il-kuntratt ta' enfitwsi tal-ħanut ta' San Ġwann kien ġie ffirmat f'Mejju tas-sena 1990,[4] u l-permess għal dan in-negozju kien intalab fil-21 ta' Lulju 1990, u ċioe ftit qabel iż-żwieġ tal-kontendenti, il-permess kien ġie approvat fit-8 ta' Ġunju 1991,[5] u ċioe wara ż-żwieġ tal-partijiet. Jirriżulta illi dan il-ħanut kien ilu jopera minn dak iż-żmien, u fil-fatt mix-xhieda ta' Joe Azzopardi, jinstab konfermat li huwa kien beda jaħdem fil-ħanut ta' San Gwann fl-1991, għalkemm imbagħad kien mar jaħdem fil-ħanut ta' San Ġiljan meta kien infetaħ ħanut hemmhekk ukoll.[6] Illi għalhekk, din il-Qorti tqis illi n-negozju ġestit mill-ħanut bl-indirizz "The Champ", San Ġwann, huwa proprjeta` tal-komunjoni, salv għat-titolu tal-enfitewsi, li huwa proprjeta` parafernali tal-appellat, peress illi l-kuntratt relattiv ġie ffirmat qabel iż-żwieġ. Minn dan isegwi illi fis-sentenza tal-ewwel Qorti kien neċessarju illi dik il-Qorti tinkludi dan in-negozju fil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti magħmula minnha.

32. Għalhekk jirriżulta ċar illi dan il-fond jappartjeni lil komunjoni tal-akkwisti, u illi l-ewwel Qorti naqset milli tieħu in konsiderazzjoni dan in-negozju meta llikwidat il-komunjoni tal-akkwisti, u għaldaqstant anke dan l-aggravju qed jiġi milqugħ.

---

[4]Fol 382.
[5]Xhieda ta' Spettur Carmel Abdilla, Fol 978.
[6]Xhieda ta' Joe Azzopardi, Fol 987 – 988.

IT-TIELET AGGRAVJU

33. Illi t-tielet aggravju tal-appellanta huwa msejjes fuq il-fatt illi l-ewwel Qorti għamlet evalwazzjoni żbaljata tal-liġi u tal-fatt meta ddeċidiet illi l-appellanta m'għandhiex dritt tipparteċipa mid-dħul li l-appellat għamel min-negozji appartenenti lil komunjoni.

34. Din il-Qorti diġa` sabet illi m'hemmx provi suffiċjenti sabiex tkun moralment konvinta illi l-appellanta kienet ħatja għat-tifrik taż-żwieg minħabba relazzjoni adultera anteċedenti għaż-żmien meta l-appellat sar responsabbli għat-tifrik taż-żwieg putattiv. Minn dan neċessarjament isegwi għalhekk illi m'hemmx lok għal-applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, peress illi dan l-artikolu jista' jiġi applikat biss fil-konfront ta' min ikun ta lok għat-tifrik taż-żwieġ.

35. Illi għalhekk, ġaladarba l-Artikolu 48 m'huwiex applikabbli fil-konfront tal-appellanta, hija għandha tipparteċipa fi kwota ugwali mal-appellat fir-rigward tal-assi kollha tal-komunjoni tal-akkwisti, inkluż l-avvjament ta' u l-profitt iġġenerat minn negozji bl-isem "The Champ".

36. Għaldaqstant dan l-aggravju jirriżulta fondat, u qed jiġi milqugħ.

**Deċide**

37. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi

filwaqt li tiċħad iż-żewġ eċċezzjonijiet ta' nullita mressqa mill-appellat, tilqa' l-appell tal-attriċi appellanta u tirriforma s-sentenza appellata filli tiddikjara illi kien il-konvenut appellat unikament responsabbli għat-tifrik taż-żwieg puttativ; tiddikjara illi n-negozju bl-isem "The Champ" f'San Ġwann huwa proprjeta` tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet, u dan skont kif ġie deċiż aktar 'il fuq, u tiddikjara u tordna illi l-attriċi appellanti għandha tipparteċipa fil-dħul iġġenerat minn negozji tal-komunjoni.

L-atti qed jiġu rinvjati lill-ewwel Qorti biex, kif inhu riservat, tisma' u tiddeċiedi l-materja dwar il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fid-dawl ta' dak deċiż.

L-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu kollha a karigu tal-appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Jaqueline Padovani Grima |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm